***Worksheet* S6.3.5**

Nagħmlu riċerka dwar monumenti u tifkiriet oħra tat-Tieni Gwerra Dinjija li nsibu madwarna.

## A: Qabbel ir-ritratt mas-sentenza billi tikteb in-numru tar-ritratt fil-kaxxa t-tajba.



2: IL-PILL BOXES



1: IX-XELTERS




3: TIFKIRA TAL-GEORGE CROSS



4: IL-MONUMENT TAL-GWERRA



**5: IL-MUŻEW TAL-GWERRA**




**6: LAPIDA LILL-VITTMI TAL-GWERRA**

| | |
|---|---|
| | F'Jum it-Tifkira jitqiegħdu fjuri biex jitfakkru l-vittmi taż-żewġ gwerer dinjija. |
| | Fost it-tifkiriet l-iżjed importanti li nistgħu naraw hemm il-*George Cross* u l-ajruplan *Faith*. |
| | Din il-lapida tinsab mal-faċċata tal-Palazz tal-Gran Mastri. |
| | F'ħafna bliet u rħula nsibu lapida (jew monument) li tfakkar il-vittmi tal-gwerra ta' dak il-lokal. |
| | Għalkemm ħafna minnhom huma mitluqin, dawn huma fdal tal-gwerra li għandna napprezzaw. |
| | Ħafna minnhom ġew restawrati mill-kunsilli lokali u għalhekk huma aċċessibbli għall-pubbliku. |

**B: Agħmel riċerka.**

1. Fittex aktar tagħrif dwar it-Tieni Gwerra Dinjija fl-enċiklopedija jew żur diversi websajts fuq l-Internet dwar *World War Two.*
2. Tkun idea tajba li żżur il-Librerija Nazzjonali u tara diversi gazzetti u ritratti antiki ta' żmien il-gwerra.
3. Tajjeb ukoll li flimkien mal-familja jew mal-klassi żżur il-Mużew tal-Gwerra fil-Forti Sant' Iermu, il-Mużew Marittimu fil-Birgu jew in-Nadur Għawdex, kif ukoll il-knisja tal-Mosta.
4. Fil-klassi tiegħek, jistgħu jsiru *charts* dwar il-ħerba, l-għaks u l-imwiet li ħalliet il-gwerra.
5. Tkun ħaġa xierqa wkoll li jiġu mistiedna xi kelliema li għandhom esperjenza tal-gwerra għax għexuha huma stess.
6. Idea oħra hi li fil-klassi ssir *collage* bl-użu tal-gazzetti dwar "Il-Kruha tal-Gwerra".